



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' April 2019
(OR. en)

8359/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)

AGRI 203
AGRIFIN 28
AGRILEG 77
AGRIORG 23
AGRISTR 29
CODEC 885
CADREFIN 199

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK - Dibattitu tal-Kunsill dwar l-arkitettura ekoloġika ġdida

Għall-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fil-15 ta' April 2019, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif ukoll dwar mistoqsijiet biex jiġi ggwidat id-dibattitu ministerjali.

Dokument informali dwar l-arkitettura ekoloġika, bi tħejjija għad-dibattitu ministerjali tal-15 ta' April tal-Kunsill AGRIFISH

Fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-15 ta' April, il-Presidenza tixtieq tipproponi dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-arkitettura ekoloġika taħt ir-riforma tal-PAK wara l-2020 (Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK). Sabiex jitmexxa d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Presidenza ħejjiet il-mistoqsijiet ta' hawn taħt, li għandhom jiġu approvati mill-KSA u indirizzati ulterjorment mill-Ministri.

1. Kondizzjonalità:

Il-prinċipju ewlieni tal-kondizzjonalità huwa li jorbot l-irċevuta ta' appoġġ tal-PAK mal-konformità ma' standards ambjentali u klimatiċi minimi. Il-kondizzjonalità msaħħa l-ġdida fil-proposta tal-Kummissjoni tgħaqqad is-sistema attwali ta' kondizzjonalità u l-ekoloġizzazzjoni u tinkludi diversi elementi ġodda. L-Istati Membri esprimew it-tħassib tagħhom li l-kondizzjonalità msaħħa (kif ukoll elementi oħra tal-arkitettura ekoloġika) tista' tmur kontra l-oġettiv ġenerali li tinkiseb simplifikazzjoni sostanzjali. Huma esprimew fehmiet diverġenti dwar liema mill-istandards u r-rekwiżiti bażiċi proposti mill-Kummissjoni għandhom jagħmlu parti mill-kondizzjonalità. Għal xi rekwiżiti l-għażla kienet li jiġu appoġġati minflok permezz ta' skemi ekoloġiċi jew li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Servizzi ta' Konsulenza futuri (pereżempju l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli).

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK wara l-2020 stabbilixxiet l-impenn li "nimmiraw aktar fl-ġholi" fir-rigward tal-ambjent u l-klima filwaqt li nippruvaw ukoll niks bu aktar simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż amministrattiv billi l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jippjanaw l-interventi u l-kondizzjonalità tagħhom b'mod strateġiku sabiex jinkludu l-isfidi nazzjonali/reġjonali tagħhom u l-ħtiġijiet reali. B'differenza għall-perijodu attwali li fih eżenzjoni mill-kontrolli u l-pieni tal-kondizzjonalità hija applikabbli għal bdiewa żgħar li għażlu l-iskema speċifika għall-bdiewa żgħar, il-kondizzjonalità msaħħa ma tipprevedix eżenzjoni ex ante fil-livell tal-UE.

MISTOQSIJA 1: B'kont meħud tal-ambizzjoni klimatika u ambjentali ogħla maħsuba tal-PAK wara l-2020 kif ukoll l-oġettiv tas-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà kkonferita lill-Istati Membri biex jitħallew jadattaw l-arkitettura ekoloġika, liema mill-istandards u r-rekwiżiti bażiċi proposti mill-Kummissjoni tappoġġa u liema le? Barra minn hekk, taqbel li l-kondizzjonalità għandha tapplika għall-benefiċjarji kollha tal-ghajjnuna, jew il-bdiewa ż-żgħar għandhom jiġu eżentati mir-regoli dwar il-kontrolli u l-pieni tal-kondizzjonalità kif definiti fir-Regolament Orizzontali?

2. Skemi ekoloġiċi fil-pilastru I:

Il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi skemi ġodda ta' pagament li jimmiraw l-ambjent u l-klima, li huma elementi ewlenin tal-PAK futura, l-hekk imsejja "skemi ekoloġiċi". Biex jiġi ġġustifikat l-infiq, huwa essenzjali li jiġu mmirati l-pagamenti diretti, b'mod partikolari lejn beni pubbliċi. L-Istati Membri ser ikollhom ifasslu skema ekoloġika waħda jew aktar u jagħmluha disponibbli għall-bdiewa, mingħajr baġit minimu meħtieġ, filwaqt li l-iskemi ser ikunu volontarji għall-bdiewa. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, iż-żewġ tipi ta' interventi (jiġifieri l-iskemi ekoloġiċi tal-pilastru I u l-impenji ta' ġestjoni tal-pilastru II) huma obbligatorji għall-Istati Membri biex joffruhom, iżda volontarji għall-bdiewa biex jipparteċipaw fihom, iżda b'aktar flessibbiltà fuq l-ammont tal-pagament għall-iskemi ekoloġiċi.

Bosta delegazzjonijiet esprimew il-fehma li l-iskemi ekoloġiċi għandhom ikunu volontarji għall-Istati Membri biex jinkluduhom fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

MISTOQSIJA 2: B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, taqbel li l-iskemi ekoloġiċi tal-Pilastru I għandhom ikunu obbligatorji għall-Istati Membri, iżda volontarji għall-bdiewa, kif propost mill-Kummissjoni, jew tqis li tenhtiegħ flessibbiltà addizzjonali għall-Istati Membri?

3. Appoġġ għall-ambjent u l-klima permezz ta' interventi ta' żvilupp rurali:

Il-Pilastru II ser ikompli joffri firxa wiesgħa ta' interventi li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u l-klima. L-impenji attwali agrikoltura-ambjent-klima, biedja organika u foresta-ambjentali ser ikomplu – taħt "l-impenji għall-ġestjoni ambjentali-tal-klima u impenji ta' ġestjoni oħra" proposti. Huma ser jikkumpensaw il-bdiewa u benefiċjarji oħra li jieħdu impenji ta' benefiċċju għall-ambjent u l-klima għal perijodu ta' ħames sa seba' snin ġeneralment.

B'mod simili għall-iskemi ekoloġiċi ġodda proposti, it-tfassil ta' impenji agrikoli-ambjentali-klimatiċi jkun obligatorju għall-Istati Membri, filwaqt li l-bdiewa jistgħu jieħdu dawn l-impenji b'mod volontarju. Barra minn hekk, issem mew il-kunċett ta' bonus għall-prestazzjoni ġenerali bħala parti minn mekkaniżmu ta' inċentiv biex iħeġġeġ prestazzjoni ambjentali u klimatika tajba u l-allokazzjoni finanzjarja minima ta' mill-inqas 30 % tal-kontribut totali tal-FAEŻR li għandu jkun irriżervat għal interventi relatati mal-klima u l-ambjent. Rigward din tal-aħħar, ġiet diskussa l-opzjoni dwar jekk għandhom jiġu inklużi f'dawn it-30% il-pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew oħrajn speċifiċi għar-reġjun.

Kontribuzzjoni ġenerali ikbar għal objettivi ambjentali u klimatiċi permezz taż-żewġ pilastri:

L-Istati Membri ddiskutew kunċetti importanti u dispożizzjonijiet ġenerali oħra li jistgħu jkunu rilevanti għall-effettività ġenerali tal-Arkitettura Ekoloġika, fost l-oħrajn / eż.:

- l-appell espliċitu għal ambizzjoni ambjentali / tal-klima akbar (Artikolu 92);
- id-dispożizzjoni li azzjonijiet taħt il-Pjan Strateġiku tal-PAK huma mistennija jikkontribwixxu 40 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali għall-objettivi klimatiċi.

MISTOQSIJA 3: Taqbel mal-proposta li mill-inqas 30 % tal-finanzjament tal-FAEŻR jiġi rriżervat għal miżuri klimatiċi u ambjentali? Taqbel mal-appell għal ambizzjoni ambjentali/klimatika akbar kif stipulat fl-Artikolu 92? Id-dispożizzjonijiet ġenerali huma biżżejjed biex jinkoraġġixxu lill-bdiewa jikkontribwixxu għall-kisba tal-ambizzjoni maħsuba, filwaqt li jiżguraw ukoll kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-objettivi ambjentali u klimatiċi?